**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 523/2020*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius)**

**-vs-**

**Aden Christian Fenech detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0210601(L).**

**Illum: 1 ta' Marzu, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi[1] miġjuba fil-konfront tal-imputat **Aden Christian Fenech** u cioe` talli:

> Talli nhar it-3 ta' Settembru f'xi ħin bejn is-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) f'dawn il-Gżejjer bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Malcolm Dimech u Juan Mizzi, f'perikolu ċar jikkaġunalhom offiża ta' natura gravi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u independenti mill-volontà tiegħu;
>
> u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, għamel offiża fuq Malcolm Dimech u Juan Mizzi inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżża jew li jinfluwixxi fuq Malcolm Dimech u Juan Mizzi, kontra

[1] Imputazzjonijiet sostitwiti a fol.67-68. L-imputazzjonijiet reġgħu gew emendati nhar id-19 ta' Mejju, 2021, fol.159. L-istess imputazzjonijiet ġew moqrija mill-ġdid kemm il-darba tenut kont li gew sostitwiti u/jew emendati diversi drabi. Vide fol.65, 159 u 164.

l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer attakka jew għamel resistenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' Malcolm Dimech u Juan Mizzi, persuni nkarigati skont il-Liġi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu fl-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta'Ordni mogħtija skont il-Liġi mill-Awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer saq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni MEX 787, b'mod perikoluż, bla kont u traskurat u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a),(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

waqt li kien qed isuq il-vettura ta' għamla Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni CBG139 għadda kontra sinjal li jindika li m'hemmx dħul (No Entry). Reg.2 Taqsima II Partita A(c) L.S.65.05;

u aktar talli fl-istess data' ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer biddel, irranġa mill-ġdid jew ħassar marka ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura tal-għamla Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni CBG139 jew xort oħra bagħbas mal-pjanċi ta' reġistrazzjoni tal-imsemmija vettura. Reg.44 (4) L.S.368.0 [sic]

u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer kiser il-provedimenti tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta meta wara li nstab ħati tar-reati mill-Qrati ta' Malta b'sentenza datata 5 ta' Marzu, 2018, li saret definittiva u li ma tistgħax tinbidel ġie ikkundannat għal-libertà bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat ieħor għal perjodu ta'tlett snin.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, minn barra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan tal-imputat ghal dak il-perjodu ta' żmien li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Ġunju, 2021, permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[2]

1. Fl-artikoli 214, 215, 218 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 95, 214, 218 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.
Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

[2] Fol.167

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Dan il-każ jittratta inċident li seħħ nhar it-3 ta' Settembru, 2020, fi Triq in-Naxxar, Birkirkara, fejn l-bank HSBC, meta l-karreġġjata li tagħti lejn in-Naxxar kienet magħluqa minn żewġ uffiċjali ta' Transport Malta. L-allegazzjoni hi li l-imputat għamel attentat ta' feriti gravi fuq dawn l-uffiċjali billi saq il-vettura tiegħu b'mod perikoluż, bla kont u bi traskuraġni.

**Preliminari**:

A. L-istqarrijiet tal-imputat

Irriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Investigattiv li lill-imputat ittieħdulu żewġ stqarrijiet; waħda fit-8 ta' Ottubru, 2020,[3] fil-hin tal-16:30hrs w oħra fid-9 ta' Ottubru, 2020,[4] fil-hin tal-12:15hrs.

Tul l-ewwel stqarrija li ttieħdet l-Għassa tal-Ħamrun, l-imputat ma ammettiex ghall-għemil lilu addebitat.

It-tieni stqarrija meħuda l-ghada, ittieħdet l-Għassa ta' Birkirkara. Fiha l-imputat ammetta li wara li l-uffiċjali għamlulu sinjal biex jieqaf waqt li qed isuq, hu ma waqafx u baqa' għaddej, iżda ma ammettiex li prova jtajjar lil xi uffiċjal.

Jirrizulta mix-xhieda mismugħa, li qabel ma ġiet r-rilaxxata t-tieni stqarrija, l-imputat ġie mitkellem b'mod mhux uffiċjali mis-Supretendent Carmelo Bartolo (aktar il-quddiem fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Agius jispjega li l-Spettur Taliana kellem lil Fenech wara li spiċċat it-tieni stqarrija[5]), u "*(S)pjegawlu li r-reati huma reati serji. Qieghed jiġi akkuzat bihom u enfasizzawlu l-importanza li, kemm hi importanti fis-sens li jkun onest fl-istqarrija tiegħu...*"[6].

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi, prova ta' din il-konverżazzjoni ma ġietx esibita; addirittura, skont l-istess Spettur Agius, lanqas rekord ta' din l-istqarrija ma ttieħdet "*għax ma kienitx b'mod uffiċjali*"[7].

---

[3] Fol. 18
[4] Fol. 20
[5] Fol.35
[6] Fol.11
[7] Fol 12

Għalkemm il-fatt li wieħed jiġi mħeġġeġ sabiex jgħid il-verità mill-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva, ma' fhiex konnotazzjonijiet ħżiena, tista' tqajjem dubbji gratwiti meta jiġi kkunsidrat li l-ebda rekord ma ttieħed ta' dak li effetivament intqal lill-imputat fl-assenza tal-avukat tiegħu w dan meta m'hemmx dubbju li f'dak l-istadju Fenech kien suspettat.

Aktar skonċernanti hu l-fatt li, għalkemm il-pulizija ma qagħditx lura milli tissokta bl-interrogazzjonijiet ta' Fenech, u għalkemm tagħtu d-dritt jikkonsulta mal-avukat tiegħu w saħansitra ġie mogħti il-*letter of rights* anke qabel ma ttieħdet it-tieni stqarrija, *"Tajtu l-letter of rights ergajt"*[8], dan id-dritt ġie mfixkel u rez superfluwu propju meta jiġi kkunsidrat, kif b'onesta ammetta l-uffiċjal prosekutur, li l-avukat ma kienx ingħata informazzjoni dwar l-imputazzjonijiet li kien qed jiġi investigat dwarhom Fenech, peress li kien ghad irid jikkonfermahom mas-superjuri tiegħu tenut kont li l-każ kienu għadu qed jiġi investigat.

Għemil simili jnaqqar mid-drittijiet li l-ligi tagħti lill-persuni suspettati, kif sanċiti bit-Titolu VI tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb u fis-Sub-Titolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali. Li tagħti bniedem id-dritt tal-avukat mingħajr ma tippermetti li dak l-avukat ikollu f'idejh l-informazzjoni meħtieġa biex jista' jiddereiġi w jassisti effettivament il-klijent tiegħu, tirrendi d-dritt li persuna tingħata assistenza legali superfluwu.

Il-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem affermat il-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu mħarsa mill-Qrati meta ingħad:

> "**Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.**
>
> **The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in**

[8] Ibid.

**principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction,** [9]

**Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6**." [Emfazi ta' din il-Qorti]

Illi dak li seħħ qabel ma ttieħdet it-tieni stqarrija inkriminanti, jistona bl-ikrah ma dak li jipprovdi l-artikolu 355AU, li hu wieħed mill-artikoli introdotti bl-***Att LI tal-2016*** li bih ġiet tramandata fid-dritt penali Malti d-***Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali***, u senjatament l-artikolu 2 tagħha.[10] Dak l-artikolu jipprovdi:

**355AU.** (1) Dan is-Sub-titolu japplika għal persuni jew għal persuni akkużati fi proċeduri kriminali mill-ħin li jkunu mgħarrfa mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja, permezz ta' notifika uffiċjali jew xort'oħra, li huma suspettati jew akkużati li kkommettew reat kriminali, u irrispettivament jekk ġewx imċaħħda mil-libertà jew le.

Madanakollu m'hemmx dubbju li l-konverżazzjoni bejn is-Supretendent Bartolo u l-imputat seħħet qabel ma ttieħdet it-tieni stqarrija tiegħu, fejn **qabel ma bdiet l-interrogazzjoni tiegħu dan reġa' ngħata l-fakultà li jkun assistit mill-avukat tiegħu**. Fil-fatt m'hemmx dubbju li hekk ġara tant li l-imputat iffirmaha d-dikjarazzjoni relattiva. L-Ispettur Agius jixhed: *"Tajtu l-letter of rights ergajt".* [11] Imbagħad fid-dikjarazzjoni li ġiet iffirmata minn Fenech jingħad: *"….u wara li nghatajt dritt li nikkonsulta ma' avukat u li jkolli avukat preżenti waqt l-istqarrija, għażilt li nkellem lil avukat tiegħu Dr Ismael Psaila LL.D. permezz tat-telefon (telefonata li damet minn 08:30-08:31 hrs) qabel l-istqarrija iżda li ma jkunx preżenti waqt l-istqarrija, u qed niġi imwissi li **m'iniex obbligat inwieġeb ghall-mistoqsijiet li ser isiruli,…*** …"[12],

Jiġi sottolinejat li f'temp ta' minuta diffiċli wieħed jifhem x'assistenza legali setgħet ingħatat lill-imputat u dan meta, skond l-istess difiża, ma kien hemm l-ebda informazzjoni dwar l-imputazzjonijiet li bih ġie addebitat l-imputat. F'dan il-kwadru ta' fatti, l-imputat seta' faċilment ma wieġeb għall-ebda domanda iżda dan ma għamlux! Kien l-istess imputat li ingħata d-dritt li jkollu miegħu l-

---

[9] **Mario Borg vs Malta** 37537/13 12/01/2016 ċitat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, Deċiża 25 ta' Frar, 2016 Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima.

[10] **2.1**. Din id-Direttiva tapplika għal persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali mill-mument meta dawn jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali, u **irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà**…..

[11] Fol.12

[12] **Dok.AA4** a fol.20-21.

avukat difensur biex jassistieh iżda huwa għażel li ma jipprevalixxix ruħu minn dak id-dritt kif hu jikkonferma bil-firma tiegħu fuq l-istqarrija nnifisha.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, it-tieni stqarrija hi waħda ammissibbli w tiswa bħala prova fil-konfront tal-imputat li wara kollox, kif tixhed il-fedina penali tiegħu, ma kienx xi novizz quddiem il-Qrati w mal-pulizija.

B. Artikoli dwar Ammissjoni Injorati mill-Avukat Ġenerali

Fl-1 ta' Marzu, 2021, l-imputat rreġistra ammissjoni għar-raba imputazzjoni, dik ta' sewqan perikoluż, traskurat u bla kont.[13]

Għal xi raġuni din l-imputazzjoni ma ġietx indikata mal-artikoli li ntbghatu mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ghall-ġudizzju minn tiegħu. Dan meta l-prosekuzzjoni saħansitra talbet l-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat f'każ ta' sejbien ta' ħtija!

Rigward l-aħħar imputazzjoni dwar ksur tal-Ordni ta' Libertà Kondizzjonata, lanqas ma ġie indikat l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation.

Konsegwentement l-imputat qed jiġi liberat mill-imputazzjoni numru erba' sa seba', minkejja l-ammissjoni tiegħu fuq ir-raba imputazzjoni.

Jibqa' għalhekk biex jiġu kkunsidrat l-provi limitatament rigward l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat,

**L-Spettur Andrew Agius** xehed li għalkemm l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fit-3 ta' Settembru, 2020, kien fit-8 ta' Ottubru, 2020, li l-imputat reġa' ġie imwaqqaf minn wieħed mill-vittmi, u cioe` uffiċjal ta' Transport Malta, waqt li l-istess uffiċjal kien fuq xogħlu. Sussegwentement sar kuntatt mal-Għassa tal-Ħamrun fejn l-imputat tqiegħed taħt arrest u ttieħed ġewwa l-istess Għassa fejn ittiħdietlu l-istqarrija.

Agius jispjega li nhar it-3 ta' Settembru, 2020, ċerti Malcolm Dimech u Juan Mizzi, uffiċjali ta' Transport Malta, kienu qeghdin iwettqu xogħolhom ġewwa Naxxar Road, Birkirkara, ma ġenb l-HSBC Bank. F'xi hin "*dehret Toyota Starlet ta' kulur ahmar misjuqa minn Aden Christian Fenech fejn kif mar biex iwaqqfu, dan*

[13] Fol.137

*saq ghal fuqhom b'tali mod li kwazi tghajjarhom. X'hin ghadda minn ma Huan, Huan rnexxielu jara wicc Aden, irnexxielu ukoll jara n-number plate tal-karozza iżda ma kienx cert minnha. Gara ukoll li dak il-hin kienet ghaddeja persuna li taf lil Aden fejn infurmat lil Huan u lil Malcolm min kien. Hemm huma fittxuh fuq il-Facebook u gharrfuh*[14]". L-uffiċjali marru jirrapportaw ġewwa l-għassa ta' Birkirkara iżda, minħabba l-inċertezza rigward in-numru ta' reġistrazzjoni, ir-rapport ma setgħax isir; in-numru ta' reġistrazzjoni li ġie mogħti lill-Pulizija kien jibda bl-ittri MEX. Jirrizulta ukoll li, fit-8 ta' Ottubru, 2020, Malcolm Dimech kien qiegħed fuq xogħol fi Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun, fejn dan lemaħ u għaraf lill-imputat isuq l-istess vettura li saq dakinhar f'Birkirkara u waqqfu. Dimech żamm lill-imputat fuq il-post sakemm marru il-Pulizija tal-Għassa tal-Ħamrun fejn l-imputat tqiegħed taħt arrest. Wara li saret id-debita investigazzjoni, irriżulta li l-imputat kellu żewġ vetturi reġistrati f'ismu; Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni MEX 787 u Toyota Starlet ħamra bin-numru ta' reġistrazzjoni CBG 139.[15]

**Juan Mizzi** xehed li fit-3 ta' Settembru, 2020, flimkien ma' Malcolm Dimech kien fuq xogħol ma *crane* f'Naxxar Road, Birkirkara: "*Jiena kont fejn l-HSBC biex niddevja l-karrozzi jmorru lejn Hal Balzan, ma nhallihomx jidhlu lejn Naxxar Road u Malcolm kien il-fuq iktar minni biex izomm il-karrozzi sakemm indahhal tal-linja jien. Fhin minnhom smajt karrozza gejja b'velocita qawwija u smajt lill-kollega tieghi jghajjatli 'ar'hemm', 'ar'hemm'……Jghajjatli biex inzul, 'ar'hemm', 'ar'hemm'. Jiena dort u nara s-sinjur ġej go fiha gas down, ersaqt, hemm bicca central strip, tlajt fuqha ghajjatlu b'lehni jghajjat biex jismaghni zgur u assolutament ma kkalkulaniex, baqa sejjer dritt. Hareg kontra l-karregjata tat-traffic, baqa sejjer gas down lejn il-Mc Donalds u ma rajnihx iktar.".*[16] Mizzi kkonferma ukoll li **fin-naħa ta' fuq tat-triq ma kienx hemm sinjaletika jew *cones* bħala gwida għas-sewwieqa li ġejjin min-naħa tan-Naxxar** u dan għaliex kien hemm il-kollega tiegħu jidderieġi t-traffiku.

| | |
|---|---|
| *"Magst:* | *kien hemm xi markings qabel ma inti tasal u ssib il-crane ma wiccek?.......* |
| *Juan Mizzi:* | ***qabel il-crane markings ma kienx hemm**, kien hemm il-kollega tieghi izomm il-karrozzi. Issa jekk jiena qiegħed fin-nofs tat-triq u qed inzomm il-karrozzi nippretendi li l-karrozzi ta' wara ghandhom jobdu r-regoli.* |
| *Magst:* | *Ovvajment hekk ghandu jsir, pero hemm kif diga spjegajt ghandek differenza bejn bneiedem li qed jkun kiesah u dardira jaqbez il-kju u bniedem li qed jiġi fuqkom biex jsabbatkom u jhallikom immankati, hemm differenza, iridu nkunu onesti.* |

[14] Fol 33
[15] Fol.33-34
[16] Fol.52

| | |
|---|---|
| *Juan Mizzi:* | ***Ma kienx hemm, mhux ser nghidlek li kien hemm jekk ma kienx hemm. Li kien hemm Malcolm fin-nofs tat-triq u jiena kont in-naħa l-ohra fejn il-bollards.*** |
| *Magst:* | *Ma kellkomx bizzejjed cones?* |
| *Juan Mizzi:* | *Le ahna il-cones mhux ahna ngibuhom, irid igibhom tal-crane. Issa jien ma nistax nirrifjuta x-xoghol .........* |
| *Magst:* | *Dan ried jaqbez il-kju[ ?]* |
| *Juan Mizzi:* | *Sab lilna u baqa sejjer.Jekk hiena ghajjatku biex jieqaf waqaf mhux ….* |
| *Magst:* | *Sewqan Peirkoluz* |
| *Juan Mizzi:* | *Hafna perikoluż ghax li kieku ma ersqatx kien ittajarni."*[17] |

Mizzi rnexxielu jara li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura kien MEX 787. Meta ivverifika dak in-numru rriżulta li n-numru kien abbinat ma' Toyota Corsa bajda iżda l-imputat kien qed isuq Toyota Starlett ħamra. Sussegwentement, persuna avviċinathom u tathom id-dettalji tal-imputat. Ikompli li nhar it-8 ta' Ottubru, 2020, huwa rċieva telefonata mingħand il-kollega tiegħu Malcolm Dimech, fejn dan informah li kien waqqaf lill-istess persuna li kien saq għal go fihom. Dakinhar tal-każ f'Birkirkara, Mizzi flimkien ma Dimech, mar l-Għassa jagħmel rapport iżda stranament u b'mod kemm xejn dilettantesk, gew infurmati li la darba ma kienux ċerti fuq in-numru ta' reġistrazzjoni, jkun inutli li jmexxu bir-rapport.[18]

Il-Qorti tosserva li bejn l-inċident tat-3 ta' Settembru, 2020 u t-8 ta' Ottubru, 2020, <u>ma saret l-ebda investigazzjoni</u> mill-awtoritajiet kompetenti jew saħansitra tentattiv sabiex jiġi skopert eżatt min kien is-sewwieq involut dakinhar tal-inċident. Il-Pulizija kellha dmir u dover sanċit mil-Ligi sabiex tinvestiga l-każ, inkluż, jekk kien hemm il-ħtieġa, li tibgħat ghall-individwu li fuqu kien reġistrat in-numru MEX787 dakinhar stess tal-inċident; imqar sabiex l-uffiċjali jaraw setgħux jikkonfermaw kienx l-istess persuna li semmew la darba dawn raw wiċċu w kellhom ismu.

<u>Mhux kompitu ta' min jagħmel ir-rapport li jagħmel xogħol investigattiv</u> u jiġbor il-provi kollha mertu tar-rapport. Dan jaqa' fid-dmir esklussiv Pulizija li hi nkarigata li tinvestiga hi allegazzjoni ta' reat, *multo magis* ta' reat daqstant serju kif oriġinarjament ġie rrapportat minn dawn l-uffiċjali. Wara kollox isem kellhom u *number plate* ukoll!

Jiġi sottolinejat li ħadd mill-uffiċjali ta' Transport Malta jew tal-Pulizija Eżekuttiva ma ħadu ritratti sabiex juru l-mod kif it-triq kienet magħluqa dakinhar tal-inċident.[19] Tali ritratti setgħu jgħinu lill-Qorti tikkonstata jekk l-

[17] Fol.54-55
[18] Fol.53-54
[19] Fol.47

imputat kellux viżwali adegwata tant li ma kienx hemm xkiel li jsegwi d-direzzjoni ta' traffiku skond l-arranġamenti ta' dakinhar u għalhekk meta qabeż il-kju w saq fid-direzzjoni tagħhom, l-intenzjoni tiegħu setgħet kienet biss dik li jagħmilhom ħsara.

F'dan ir-rigward jiġi mfakkar li hu obbligu tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar prova. **L-artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:**

> Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, iżda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

B'mod mill-aktar erudit w elokwenti l-Qorti Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel fid-deċiżjoni tagħha fil-proċediment **Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun**:[20]

> Il-piz tal-prova tispetta lill-prosekuzzjoni f'kull process gudizzjarju, min jallega irid jipprova u minn iressaq dik il-prova irid jara illi dik tkun l-ahjar prova li tista' tingieb ghal każ partikolari. Issa jekk dik il-prova tirrizulta illi hija monka, li hija difettuza, li tqanqal hafna dubbji, li ma tistabbilixxi xejn b'certezza u hija vaga u tipponta f'iktar minn direzzjoni wahda, ser tipprezenta vantagg ghal dik il-parti li kontrieha tkun tressqet dik il-prova. Ma ifissirx illi tali prova ghandha a priori tigi imwarrba għaliex hija prova fil-fehma tad-difiza "zoppa". Jekk il-Prosekuzzjoni bil-provi li qed tressaq ma tasalx biex tipprova il-każ taghha sal grad minnha mehtieg fil-kamp penali, allura dan jista' biss ikun ta' beneficcju ghall-akkuzat u hadd iktar........ Kif jindika l-akkuzat stess fis-sentenza Kajal vs Noble (1982)(Cr.App) minnu iccitata meta jesponi dina l-eccezzjoni:
>
> ***"Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to the weight and not to the admissibility"***

**Malcolm Dimech** spjega kif hu, flimkien ma Juan Mizzi, kienu qeghdin fi Triq Naxxar Road, Birkirkara, jagħlqu t-triq sabiex ma jgħaddux karozzi 'l fuq u jikkoordinaw sabiex jgħaddu tal-linja biss. Dimech jispjega kif f'daqqa waħda raw karozza tat-tip Toyota Starlet kulur *maroon*, ġejja min-naħa ta' Naxxar Road

[20] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Att tal-Akkuża Nru: 9/2014; Deċiża 31 ta' Jannar, 2018

*"'l isfel gas down….Dan baqa' għaddej minn hdejn l-HSBC, kien ser itajjar lili u ghajjat lil siehbi u ghidtlu 'arem Juan"*. Jgħid li kien ser jittajjar mill-imputat għaliex "[Fenech] *resaq fuq in-naħa tal-lemin, dar minn hdejn il-BOV* [recte: HSBC] *u baqa' hiereg ghal One Way…baqa hiereg"*[21]. Ftit tal-hin wara, persuna avviċinat lil Dimech u lil Mizzi w infurmathom b'isem is-sewwieq, u cioe` l-isem tal-imputat li għarfu fl-awla bħala s-sewwieq. Flimkien ma Mizzi, daħal fuq il-profil ta' Facebook tal-imputat w innotaw l-istess pjanċi li kellha l-karozza li kien qiegħed isuq biha li iżda kienu fuq vettura oħra.[22]

Ix-xhud esebixxa ukoll **pjanta**[23]fejn fuqha mmarka l-pożizzjoni tiegħu (M) u tal-kollega tiegħu (J) dakinhar tal-inċident. Jirrizulta li Dimech kien qiegħed ftit 'l fuq mill-bank tal-HSBC biswit il-*crane*, filwaqt li Mizzi kien qiegħed pożizzjonat fin-naħa t'isfel tat-triq quddiem il-bank HSBC, propju fejn hemm il-*pedestrian crossing* (f'Naxxar Road).

Ix-xhud kompla jispjega li il-karreġġjata li tagħti lejn id-direzzjoni tal-Wied ta' Birkirkara kienet magħluqa minħabba li kien hemm *crane*. Għalhekk meta l-imputat kien nieżel min-Naxxar direzzjoni lejn il-Wied ta' Birkirkara huwa qasam fuq il-karreġġjata opposta u niżel fid-direzzjoni l-ħażina. Kompla li, għalkemm fin-naħa ta' isfel tat-triq fejn kien hemm il-kollega tiegħu, Mizzi, kien hemm *cone* (mmarkat ukoll fuq il-pjanta esibita mix-xhud bl-ittra 'C'). Dimech ikkonferma li **<u>qabel</u> il-*crane* ma kien hemm l-ebda sinjaletika,** jew *cone,* bħala gwida għas-sewwieqa li kienu ġejjin mid-direzzjoni tan-Naxxar li <u>tindika id-devjazzjoni</u> tat-traffiku aktar l-isfel. **X**ehed li meta għamel is-sinjal lill-imputat sabiex jieqaf, dan baqa' għaddej u niżel mill-*lane* li minnha titla lejn in-Naxxar.[24]

Is-segwenti dikjarazzjonijiet mix-xhud jitfgħu dawl fuq dak li seta' gara b'konsegwenza li minħabba s-sewqan perikoluż tal-imputat setgħu sfaw mweġġa jew agħar.

| | |
|---|---|
| *Magst:* | *Kif taf li hu kellu l-intenzjoni jweggheku mhux ghax kien qed isuq bmod salvagg u hadha bi zball?* |
| *Malcolm Dimech:* | ***Ghax qabeż it-traffiku tal-lane li nezlin min-Naxxar l-isfel*** |
| *Magst:* | *Din ma ghidtiliex* |
| *Malcolm Dimech:* | *Tghidli u nghidlek* |
| *Magst:* | *Jien ma nistax nghidlek xtghid, int trid tghidli.* |
| *Malcolm Dimech:* | ***Hu qabeż it-traffiku u smajna hoss.*** |
| *Magst:* | *U għaliex qabeż it-traffiku, idejjaq jistenna?* |

[21] Fol.41
[22] Fol.42
[23] **Dok.MD** a fol.51
[24] Fol.44

| | |
|---|---|
| *Malcolm Dimech:* | *Jien naf, ghax* ***kien qed jistenna wara l-karrozzi, issa ma nafx xgara u ma garalux.*** |
| *Magst:* | *Hu qabeż il-karrozzi u sab lilkom* |
| *Malcolm Dimech:* | *Suppost baqa nizel dritt u hu kiser 'l hawn fil-vojt.* |
| *Magst:* | *Kiser hemm fil-vojt, imma jista jkun li dan qabeż is-serbut, jien mineix xi wahda li niddefendi, pero jista jkun dan azzarda jaghmel cuccata manja jaqbez it-traffiku,, halliha s-sewqan perikoluż li jista jkun hati tiegħu, qabeż dak is-serbut sab li hemmhekk maghluq ma jistax jaghmel mod iehor* |
| *Malcolm Dimech:* | ***Jista, mela ma jistax, naqbel mieghek.*** |
| *Magst:* | *Jigifieri mingħajr ma ried jihol fuqkom u jifqakom ghax kien azzardat, ġie me ne frego u l-manuvra li għamel kienet mhux biex iwegghak imma biz qziez biex jevita* |
| *Malcolm Dimech:* | *Titwerwer dak il-hin tara s-sewqan ġej fuqek, ghal dak il-punt qed nitkellem jien.* |
| *Magst:* | *Ghandek ragun, imma hawnhekk iridu noqghidu attenti ghax ic-charges kif inhuma huma hafna hafna oneruzi li lilek ried jaghmilek offiza gravi u inti qed tghid dan il-bniedem ma tafux.* |
| *Malcolm Dimech:* | ***La nafu u lanqas qatt ma harriktu. Jien ghamiltlu sinjal biex jieqaf xhin ġej bl-ispeed u baqa għaddej......*** |
| *Magst:* | *Inti kemm ghadda zmien bejn il-hin li waqaftu u trid tkun onest hawn, bl-ispeed esagerat li kien ġej kellu cans jieqaf mingħajr ma jissabbat fxi hadd?* |
| *Malcolm Dimech:* | ***Jien naf, hu jafha ghax hu kien qed isuq b'sewqan eccessiv****.* |
| *Magst:* | *Inti suppost tghallimna bhala Transport Malta inharsu lejkom bcertu li tghidli l-ispeed li kien ġej, sakemm rak taghmillu s-sinjal r-rallenta ftit jew xejn baqa ġej?* |
| *Malcolm Dimech:* | *xejn baqa sejjer* |
| *Magst:* | *Allura inti kif taf li rak?* |
| *Malcolm Dimech:* | *jekk kien hemm il-crane* |
| *Magst:* | *Jista jkun li ma tax każ?* |
| *Malcolm Dimech:* | ***Jista jkun****, ma nmerrikx.* |
| *Avukat:* | *Il-posizzjoni tieghek fit-triq kienet visibbli ghalih mill-post fejn kien ġej?* |
| *Malcolm Dimech:* | *Iva, ghalija kien visibbli.* |
| *Magst:* | *Pero inti qed tghidli ezatt hemmhekk fejn il-logika suppost tghidlek li* ***meta inti ser isib obstruction ghandhom jitpoggew markings, kien hemm jew ma kienx hemm?*** |
| *Malcolm Dimech:* | ***Le ma kienx hemm****."* [25]. |

[25] Fol.47-49

Għalhekk jirrizulta li qabel il-*crane* ma kien hemm l-ebda sinjaletika; il-*cone* kien in-naħa tal-Wied ta' Birkirkara. Kien hemm biss l-uffiċjal eżatt mal-crane – vide skizz a fol.51 - mank ftit qabel il-*crane* biex b'hekk sewwieq ikollu *prior notice* ta' dak li ser jiltaqa' mieghu fi triqtu!! Din il-parti tat-triq tiftaħ u sfortunatament ta' spiss sewwieqa jazzardaw jagħmlu *overtaking* bil-konsegwenza li momentarjament jidħlu fil-lane opposta. Jidher li Fenech, kif ra l-*lane* vojta, b'veloċità qabeż il-vetturi quddiemu. Sewqan li jistħoqqlu s-sospensjoni ta' liċenzja ghal tul konsiderevoli ta' żmien!

Fit-tieni stqarrija minn tiegħu Fenech, issa li ġie mħeġġeġ biex jgħid il-verità, jagħmel is-segwenti dikjarazzjoni: ***"Pruvaw iwaqfuni. Ghamilli sinjal biex nieqaf u bqajt għaddej***[26]*….Kien hemm wieħed fuq u wieħed isfel. Ta' fuq prova jwaqqafni u bqajt għaddej bil-mod minn mieghu. U t'isfel sellimtlu u sellimli lura."*[27] Din hi evidenza ċara minn fomm l-imputat li **kellu viżwali eċċellenti tat-tul tat-triq u tal-pożizzjoni ta' kull uffiċjal li kien fuqha**.

L-imputat ċaħad li prova jsuq ghal fuq l-uffiċjali: *"Le ma soqtx ghal fuqhom. Jiena bqajt għaddej dritt. Issa jekk hareg hu ghan-nofs ma nafx imma jien bqajt għaddej dritt. M'ghandix ghalfejn intajru bniedem fuq xogholu.... Ma soqtx ghal fuqhom. Din zejda……..**soqt one way iva.** Ghax **dak il-boccu hareg f'nofs tat-triq u jien bilfors kelli immur one way biex ma ntajjrux....Anzi kieku ma rsaqtx jien kont nghollih** jien il-boccu ghax harigli f'nofs ta' triq. U anke il-karozza mesli il-hgiega. Habbatli b'daqqa ta' ponn mal-hgieg....jien ma ridtx naghmilhom hsara lilhom".*

Mela altru` li saq f'viċinanza miegħu meta dan kien ilu li rah fit-tarf tat-triq mill-bidu nett. Jistqarr li *"Waqaft bla inkwiet"*[28] meta kemm Mizzi u Dimech jixhdu li baqa' sejjer u fil-fatt kellhom jgħaddu ħamest ijiem sabiex jiġi identifikat. Lanqas ma hu minnu li baqa' għaddej dritt għaliex kif jasal jammetti qasam ghall-karreġġjata l-oħra li tagħti għan-Naxxar fejn, skond hu, dan għamlu biex ma jtajjarx lil Mizzi li ħareġ għan-nofs tat-triq. Bilfors Mizzi resaq f'distanza ferm ravviċinata – azzjoni azzardata minnha nfisha wkoll – ġaladarba irnexxielu jmiss il-ħġieġa tal-vettura ta' Fenech.

Fenech jasal jammetti wkoll li kien qed isuq vettura bi pjanċi ta' vettura li kienet ġiet scrappjata.[29] Il-Qorti temmen li kien għalhekk li l-imputat għamel il-manuvra azzardata li għamel, u cioe` biex jiskapula kull ċans li jitwaqqaf u jiġi skopert li kien qed isuq bi pjanċi foloz.

[26] Fol.20
[27] Fol.21
[28] Fol.21
[29] Fol.21

Il-Qorti temmen il-verżjoni mogħtija mill-uffiċjali ta' Trasport Malta dwar id-dinamika ta' dana l-inċident in kwantu Fenech saq b'mod perikoluż meta bi *speed* esaġerat qabeż serbut karozzi u għadda *wrong side,* fuq *il-lane* opposta, fejn ġie jaqa' u jqum mill-konsegwenzi li potenzjalment seta' kellu s-sewqan tiegħu fuq il-hajja w s-sigurtà tal-istess uffiċjali.

Kollox juri li kienet manuvra perikoluża immens li għamel l-imputat iżda dan ma jfissirx li kellu l-intenzjoni ġenerika li jweġġa lil dawn iż-żewġ uffiċjali.

Jirrizulta li b'ħafna ksuħat u qżież żejjed Fenech qabeż il-vetturi wieqfa quddiemu, w hekk kif wasal ħdejn il-*crane* sab l-uffiċjal ma wiċċu. Tenut kont li kien qed isuq b' *number plates* foloz, għażel li jibqa' jsuq b'dik il-veloċità w injora l-istruzzjonijiet li ngħatawlu biex jieqaf.

Fil-fatt l-imputat innifsu jammetti ghal sewqan perikoluż, imputazzjoni w ammissjoni li ġiet ghal kollox injorata mill-Avukat Ġenerali w għalhekk il-Qorti ma tistax issibu ħati dwarha.

Inkwadrati il-fattispeci ta' dana il-każ, il-Qorti issa trid teżamina jekk dawn jinkwadrawx ruħhom taħt l-imputazzjonijiet addebitati lil Fenech, u cioe` l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat,

L-Ewwel Imputazzjoni: Tentattiv ta' Offiża Gravi

Każ simili ghal dak in deżamina kien dak fl-ismijiet I**l-Pulizija vs Lawrence Attard** fejn f'dak il-każ, Attard kien saq ghal fuq uffiċjali tal-pulizija w ingħata imputazzjoni ta' tentattiv ta' offiża gravi. Ġie kkunsidrat jekk setgħax jikkonfigura ir-reat ta' tentattiv meta r-reat hu dak ta' offiża gravi:

> Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif ġie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law), iżda imbaghad izid "Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply *in dubbio pro reo*."

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jiġi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-każ.

Il-Qorti fid-dawl ta' dana kollu ghalhekk tikkonkludi illi l-imputat meta saq il-vettura tiegħu ghal fuq l-uffiċjali tal-pulizija ghal iktar min darba kellu l-intenzjoni li jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta'l-uffiċjali tal-pulizija u ghalhekk qed issibu hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tiegħu.[30]

Issa biex tiġi pruvata l-ewwel imputazzjoni irid jiġi pruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni ġenerika li jagħmel ħsara w dikjarazzjonijiet bħal ma saru minn Dimech u Mizzi ċertament jxejjnu l-eżistenza ta' intenzjoni simili. Ma jridx jintesa li z-żewġ uffiċjali b'onesta jixhdu li *markings* ma kienx hemm in-naħa ta' fuq tat-triq minn fejn kien ġej Fenech. Dimech minn naħa tiegħu ma setgħax jeskludi li Fenech sab l-uffiċjali ma wiċċu meta għamel il-manuvra azzardata tal-*overtaking* b'veloċità qawwija li kien qed isuq biha.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, deċiża fit-30 ta' Marzu, 1998, intqal:

Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi meħtieġa l-intenzjoni generika li wieħed jagħmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jagħmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jagħmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu" Il-Professur Mamo ighid: "***To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues.***

Fil-ktieb tiegħu, Notes on Criminal Law, il-**Professur Anthony J. Mamo** ikompli jgħid hekk:

In other words, it is <u>not essential</u> that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted.... ... Therefore, in the case of bodily harm, if <u>the intent of the doer is to injure</u>, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu".[31] [sottolinear ta' din il-Qorti].

---

[30] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali; Per Magistrat Dr. Edwina Grima; Deċiża **02 ta' Settembru 2008; Kumpilazzjoni Nru. 06/2007**

[31] Paġna 225. Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Noel Degiorgio**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Marseanne Farrugia 22.12.2014; **The Police vs Chinonso Jude Okeakpu** 2.10.2013 u **Il-Pulizija vs Stephen Ciangura**, 26.09.2012, Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima.

Mill-provi prodotti ma tirriżultax soddisfaċentament li Fenech kellu l-intenzjoni pożittiva diretta li jagħmel ħsara lil dawn l-uffiċjali w fortunatament iż-żewġ uffiċjali ma sofrew l-ebda ġrieħi.

Fil-fehma tal-Qorti, minkejja li Fenech ra liż-żewġ uffiċjali hekk kif għamel manuvra perikoluża ferm, meta qabeż is-serbut karozzi li kien wieqaf warajhom, probabbli biex ma jinkixifx li kien qed isuq b'*plates* foloz, għafas il-gass u baqa' jsuq mingħajr ebda konsiderazzjoni ghall-inkoluminita tagħhom! Meta ġa ġie kkonstatat li ma kien hemm ebda *markings* ulterjuri wara l-*crane*, kif Fenech ra li ma kienx tiela traffiku lejn in-Naxxar, dan għamel l-*overtaking* u biex jevita lil Mizzi li ħareġ għan-nofs tat-triq u baqa' għaddej mill-karreġġjata opposta. Il-Qorti tqis li kemm il-darba Fenech ried iweġġa lil xi wieħed mill-uffiċjali, ma kienx ser jagħmel manuvri biex jevitahom. *Multo magis* meta rriżulta li kien Mizzi li, biex jipprova jwaqqfu, ħareġ għan-nofs tat-triq.

Ghahekk ma gie pruvat bl-ebda mod li l-imputat kellu din l-intenzjoni generika. Fenech ma taha l-ebda każ għall-ħsara w il-perikolu li ħoloq versu dawn iż-żewġ uffiċjali li tagħhom kellu viżwali kompleta kif jammetti fl-istqarrija tiegħu. Baqa' jsuq b'veloċità minn magħhom b'mod perikoluż u bi vjolazzjoni tar-regolamenti 7(3)(c) u 12 tar-Regolamenti dwar Uffiċjali ta' Infurzar tat-Trasport, L.S. 499.51.

Fil-verità l-għemil tal-imputat jinkwadra perfettament fir-reat ravvizat bl-Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu din l-imputazzjoni ġiet skartata għal kollox meta ntbagħtu l-artikoli fin-nota ta' rinviju ghall-ġudizzju w għaldaqstant Fenech ma jistax jiġi kkundannat dwarha minkejja l-ammissjoni tiegħu.

## It-Tieni w it-Tielet Imputazzjoni: Ksur ta' l-Artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali

Fl-ewwel lok għandu jiġi stabbilit jekk uffiċjali ta' Transport Malta humiex meqjusa bħala persuni *"nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku"*.[32]

L-Artikolu 41 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

> 41.Il-membri tal-Awtorità, il-membri tal-Kumitati ta' Tmexxija u l-uffiċjali u l-impjegati kollha tal-Awtorità għandhom jitqiesu li huma **uffiċjali u impjegati pubbliċi** skont it-tifsira tal-Kodiċi Kriminali.

[32] Fol.155, 158 u 163

Dan jiskontra bil-qawwa ma dak li xehed Ryan Mallia, *HR Manager* fi ħdan Transport Malta, meta jgħid *"Aħna bħala awtorità` aħna ma niġux bħala public officers għax aħna settur pubbliku"*.[33]

Iktar rilevanti minn hekk l-Artikolu 7 tal-Att jgħid:

> 7.Bla ħsara għas-setgħat u l-funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità skont l-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet segwenti, speċifikament fir-rigward ta' toroq u ferroviji u t-trasport stradali u ferrovjarju:
>
> (a) li tirregola t-trasport stradali, ir-reġistrazzjoni, il-liċenzjar u l-użu ta' vetturi, il-liċenzjar tal-operati kummerċjali kollha relatati mat-trasport stradali, u li tipprovdi għal kwalunkwe kwistjoni regolata minn dan l-Att b'rabta mat-trasport stradali
>
> (b) li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha li jistgħu jkunu meħtieġa għar-regolament, immaniġġar, sigurtà u kontroll tat-traffiku stradali, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll lokali u għal dan il-għan li tadotta strateġiji u standards li għandhom valur referenzjarju Ewropew;

Imbagħad fl-Ewwel Skeda fost id-Direttorati tal-Awtorità hemm dak tal-infurzar:

> 7. Direttorat għall-Infurzar – li jkollu r-responsabbiltà għall-infurzar ġenerali tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe liġijiet u regolamenti li jirregolaw it-trasport bit-triq, bil-baħar u bl-ajru, inkluż b'mod partikolari l-immaniġġar tat-traffiku ul-promozzjoni tas-sigurtà tat-traffiku.

**Ryan Mallia**, ikkonferma li Mizzi u Dimech kienu impjegati mal-Awtorità bħala *"enforcement officer fuq il-bike response team u cioe dawk li jiehdu hsieb traffiku"*.[34]

Għaldaqstant m'hemmx dubbju li Dimech u Mizzi kienu nkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li huma meqjusa wkoll bħala <u>uffiċjali pubbliċi</u>. Jibqa' biex jiġi kkunsidrat jekk l-għemil tal-imputat jinkwadrawx taħt il-fattispeci tar-reati lilu addebitati.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace** ntqal:[35]

> Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija wahda ta' natura legali meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqqset milli taghmel distinjoni bejn ir-reat ipotizzat fl-artikolu 95 u dak li jitkellem dwaru l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Jishaq illi l-fattispecje ta' dan il-każ jinkwadraw rwiehom fl-elementi li isawwru ir-reat taht l-artikolu 95 u mhux dak prospettat fl-artikolu 96 u ghalhekk kellha tinsab htija ghall-ewwel akkuza u mhux ukoll tat-tieni wahda bl-assorbiment tal-akkuzi l-ohra fl-ewwel akkuza.

---

[33] Fol.115

[34] Fol.114

[35] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju 2016

Illi ma hemmx dubbju illi uhud mill-ingredjenti meħtieġa biex jinhmew iz-zewg reati huma identici. Dan għaliex dawn ir-reati iridu necessarjament jigu kommessi fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku. Issa l-appellanti ghandu ragun meta jishaq illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati għalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti uffiċjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tiegħu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jiġi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx ġie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad għalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-uffiċjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussisti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jiġi komess fil-konfront ta'uffiċjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 ġie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Illi l-Qorti qed tossottolinja din l-ahhar parti ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali billi huwa hawnhekk illi l-appellanti qiegħed iressaq il-kontestazzjoni tiegħu. Dan għaliex fil-fehma tiegħu f'dan l-incident li sehh ġewwa l-isptar Mater Dei, meta l-pulizija Cilia resaq lejh biex izommu meta huwa kien fi stat ta' agitazzjoni u qiegħed jirribella ghad-decizjoni tat-tobba illi jintbaghat l-isptar Monte Carmeli, dan il-pulizija ma kienx qiegħed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew jezegwixxi xi ordni moghtija skont il-ligi, billi **ma kienx qiegħed jipprocedi ghall-arrest tiegħu, iżda kien qiegħed biss jipprova jikkalmah u irazznu.**

Issa l-Ewwel Qorti sabet ir-reita' fl-appellanti ghal dina l-akkuza billi dehrilha illi l-uffiċjal tal-pulizija fid-Dipartiment ta'l-Emergenza kien qiegħed hemmhekk prezenti ghaz-zamma tal-buon ordni. Illi allura fil-mument illi huwa indahal sabiex irazzan lill-appellanti milli ikompli ihebb ghat-tabib li kien qed jezaminah, tishaq l-Ewwel Qorti, huwa kien necessarjament qiegħed jezegwixxi dak li tghidlu l-ligi u dak li kien fid-dmir li jaghmel u cioe' li izomm il-bon ordni għalkemm sa dak il-mument ma kienx qiegħed jipprocedi ghall-arrest ta'l-appellanti. Izda imbaghad stranament l-Ewwel Qorti tghaddi biex ticita gurisprudenza fejn hemm indikat xort'ohra minn dak affermat minnha meta issir referenza ghad-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent DeGaetano fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** deciza fit-12 ta' Settembru 1996 fejn inghad:

"*Meta uffiċjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qiegħed jezegwixxi il-ligi. Izda meta uffiċjal tal-pulizija ikun qiegħed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk* ***mingħajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tiegħu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta'l-artikolu 96, għalkemm huwa jkun qiegħed jaghmel is-servizz pubbliku tiegħu fis-sens ta'l-artikolu 95.***"

Issa il-fattispecje ta' dina id-decizjoni iccitata huma simili hafna ghal dawk taht il-lenti ta' din il-Qorti f'dan l-appell. L-PC488 Emanuel Cilia ighid hekk dwar dak li sehh:

"*Meta jiena mort biex niftah il-purtiera ghax smajt l-istorbju sibt lill-imputat …. u dan għaliex xtaq johrog mill-cubicle peress li t-tabib u l-psikjatra rieduh imur l-isptar Monte Carmeli. Illi effettivament dak il-hin Sean kien bil-wieqfa b'basket, it-tabib Dr. Mark Attard Biancardi ipprova jzommu b'id wahda. Nghid li dak il-hin Sean xejjer idejh biex qala' idejh minn idejn it-tabib. Dhalt jien zammejt lil Sean minn wara u ghidtlu 'mhux hekk habib' u meta l-imputat dar lura u induna li jiena pulizija dar u beda jaghtini bil-ponn mill-ewwel. Ha il-posizzjoni tal-boxing, tani daqqa go rasi, ippruvajt nilqa' d-daqqiet. … Jiena bdejt nersaq lura ghax kelli spazju fejn nersaq lura, uzajt ftit forza minima biex imbuttajtu fil-genb u ersaqt lura. …*"

Illi mid-deskrizzjoni ta' dan ix-xenarju kif imfisser mill-kuntistabbli stess, għalkemm l-imsemmi uffiċjal <u>kien qiegħed jaqdi d-dmir tiegħu billi jipprova izomm il-bon ordni</u> meta sofra dina l-offiza fuq il-persuna tiegħu u spicca mhedded, madanakollu ma jistax jinghad illi huwa f'dan il-hin qasir kien qiegħed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghtija skont il-ligi minn xi awtorita'.

> **Fl-ebda hin** f'dawn l-ghaxar sekondi li kien quddiem l-appellanti (kif ighid hu stess fix-xhieda tiegħu) **ma jidher illi huwa kien ser jipprocedi ghall-arrest tiegħu.**
>
> Lanqas ma jista jinghad li jissussisti dan ir-reat iktar tard u cioe' l-ghada fil-ghodu filwaqt li kien jinstab arrestat ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, billi ma jidhirx illi f'dan it-tieni incident huwa hebb ghas-surgent Christopher Ellul li kien qiegħed ghassa mieghu, jew inkella li uza xi vjolenza fil-konfront tiegħu, billi s-surgent ighid illi l-appellanti qal biss xi kliem ingurjuz fil-konfront tiegħu.
>
> Kwindi l-appellanti ghandu ragun fl-ilment minnu imressqa billi huwa ghandu jinstab hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95, iżda mhux ukoll dak indikat fl-artikolu 96 billi wieħed mill-elementi necessarji sabiex tinstab htija ghal dan ir-reat huwa nieqes.

Issa hu minnu li l-imputat injora ghal kollox l-ordni biex jieqaf iżda minn imkien ma jirrizulta li hu hedded, għamel offiża jew inġurja liż-żewġ uffiċjali u wisq anqas ma jirrizulta li attakkahom jew irreżistihom waqt li kien qed jiġi arrestat minnhom, kif jipprevedi l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant abbażi ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba il-konfront tiegħu.

Finalment u tenut kont tal-utilità dejjiema tal-**Highway Code**[36] ktejjeb ferm didattiku w deskrittiv li tul is-snin għen studenti fid-*driving test*, għandu jiġi kkunsidrat jekk wasalx iż-żmien li dan il-Kodiċi jiġi rivedut b'applikazzjoni ghal Gżirietna u jekk il-linji gwida hemm miġbura, jew wħud minnhom, għandhomx jiġu promulgati bħala regolamenti taħt l-Ordinanza dwar it-Traffiku, possibbilment billi jiġu integrati mar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Dan qed jingħad tenut kont li bil-manuvra azzardata w menefregista tiegħu, l-imputat ghada romblu minn fuq numru ta' linji gwida li nsibu f'dan il-Kodiċi;[37] "regoli" li ċertament lanqas biss ħolom bihom, aħseb u ara kemm kien lest isegwihom.

In vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulha, kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lil Ministru għat-Trasport, L-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, kif ukoll lic-Chairman, Transport Malta.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

---

[36] Tradott għal Malti u pubblikat mid-Dipartiment ghall-Informazzjoni bħala l-**Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq,** Settembru, 2001
[37] *Inter alia* linji gwida 104, 181, 185, 193, 196, 198, 199 u 211 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq.